# IL-LEGGENDA TAL-QUDDIESA TAT-TFAJJEL MISTERJUZ

Il-marda tal-pesta kienet qed teqred bosta mill-popolazzjoni tal-belt qadima mibnija fuq muntanja. Fit-toroq kienet haga komuni li tara nies qed imutu u anke mejta jistennew li jingabru biex issirilhom difna xierqa.



Il-kappillan tal-post nieda talb u sawm u heggeg hafna biex dawk li huma f'sahhithom jisimghu l-quddies biex Alla jkollu hniena minnhom. Imma l-pesta baqghet ghaddejja minn fuq il-belt teqred dak kollu li hu haj.

Ghodwa wahda l-kappillan kien lest biex johrog iqaddes, imma ghalkemm daqq il-qampiena biex isejjah lill-fidili hadd minnhom ma kien prezenti, anqas l-abbati biex jghinu fic-celebrazzjoni tas-sagrificcju tal-quddiesa. Huwa hass dieqa kbira u mar jinxthet quddiem is-sagrament u beda' jitlob hekk: " O Alla ikollok hniena minn din il-belt; hu hsieb il-hajjiet ta' din il-popolazzjoni. Kif jista' jkun li f'dan il-jum ma tigix ccelebrata quddiesa ghat-tifhir u glorja tieghek? O Alla la tippermettix li jsehh dan."

Hekk kif kien qed jitlob, is-sacerdot ra li x-xemghat fuq l-artal kienu gia mixghula u hass sens ta' paci gewwa qalbu; hekk kif il-kant dewa mal-knisja kollha ra figura kollha dija riesqa lejh mis-sagristija. Wicc dan l-abbatti kellu dehra angelika.

Il-quddiesa bdiet u spiccat. Maghha ntemm ukoll il-kant angeliku. Il-vizitatur misterjuz gheb u s-sacerdot nizel gharkubtejh jrodd hajr lil Alla wara dik il-quddiesa ta' l-ghageb, li tant imliet lil qalbu bil-ferh, hena u paci. Hekk kif halla l-knisja xi hadd qallu li l-morda kienu qed ifiequ u dak il-lejl ma kienx hemm imwiet. Is-sacerdot qaddis fehem li l-quddiesa pplakat il-hniena ta' Alla biex tieqaf il-pesta.



*Il-quddiesa ghandha qawwa kbira quddiem Alla ghax l-offerta ma hiex ta' annimal bhal ma kien isir fl-antik mill-poplu lhudi, izda ta' l-istess Iben ta' Alla. Hija l-qalba tal-hajja nisranija. Sfortunatament ninsew din il-verita' ghax id-distrazzjonijiet ta' madwarna ma jhallunix nippartecipaw sew fiha.*

*Darba Santa Tereza riedet tirringrazzja lil Alla u talbitu biex jghidilha kif u l-Mulej wegibha : "Isma' quddiesa wahda."*

*San Gwann Marija Vianney jghidilna li ma hemm xejn akbar mill-Ewkaristija. Li kieku kien hemm Alla kien jaghtihielna.*

*U San Piju minn Pietralcina jghidilna li d-dinja kapaci tghaddi minghajr ix-xemx, izda le minghajr il-Quddies.*

*Nipproponu lkoll kemm ahna li minghajr raguni serja ma nfallux quddiesa wahda.*